10/3/2025

# Maltex 2025: "Echoes of Malta, A Philatelic Journey"

Maltex 2025 hija ċelebrazzjoni tal-istorja u l-wirt kulturali Malti permezz tal-arti fil-filatelija. Bit-titlu "Echoes of Malta, A Philatelic Journey," din il-wirja prestiġjuża ser tkun qed turi l-istorja postali ta' pajiżna kif ukoll bolli, kartolini u oġġetti filateliċi filwaqt li toffri lill-viżitatur opportunità unika sabiex jesperjenza l-istorja ta' Malta minn lenti differenti. Il-wirja qed tittellà fil-Mużew Postali ta' Malta fejn filatelisti, kolletturi u dilettanti ser ikunu qed jiltaqgħu biex jaqsmu esperjenzi marbuta mad-delizzju u l-passjoni tagħhom għall-bolol u l-istorja postali filwaqt li jesploraw il-passat affaxxinanti ta' Malta.

Maqsuma f'żewġ galleriji distinti, l-wirja fiha firxa wiesa' ta' esebiti li jvarjaw minn dokumenti postali antiki Maltin sa oġġetti kontemporanji li jaċċenaw avvenimenti u tradizzjonijiet storiċi Maltin.

<u>L-esebiti ewlenin jinkludu dawn li ġejjin:</u>

Chev. Dr. Alfred Bonnici – "Messageries Imperiales"

Carmel Bonello – "Malta & The EU's Enlargement in 2004"

John Debattista – "25th Anniversary of the Accession of Queen Elizabeth II"

Chev. Prof. Vincent Marmarà – "The Prime Ministers of Malta from Independence Onwards," "Queen Elizabeth II – The Definitive," and "Various Essays and Proofs"

Carmel Navarro – "Exhibition Commemorative Medals"

Tony Camilleri – "Imperial Japanese Naval Units in Malta", "Green Cross Labels Scheme - 1940/43," and " 'ADRIA' Postage Markings in Malta"

Dr. John Camilleri – "The Elton John Miniature Sheet"

Tony Sant – "Burial Permits in Malta"

Dr. Daniel Saliba – "WW2 Mail & Documents Pertaining to the Late Capt. J. Laferla"

Jesmond Borg – "British Stamps Used in Malta with the A25 Handstamp" and "50th Anniversary of the Republic of Malta and its Presidents."

10/3/2025

Is-Sur John Debattista, President tas-Soċjetà Filatelika ta' Malta, qal:

"Għandna pjaċir nippreżentaw esebiti li jirrakkontaw stejjer matul iż-żminijiet. Il-viżitaturi ta' Maltex 2025 se jkollhom l-opportunità jaraw dokumenti postali, kartolini u oġġetti relatati li jipprovdu perspettiva ta' għarfien dwar kif Malta ingħaqdet mad-dinja permezz tas-sistema postali.  Kuntenti ħafna li din il-wirja qed tittellà għall-ewwel darba fil-Mużew Postali ta' Malta."

"Echoes of Malta, A Philatelic Journey" hija aktar minn sempliċi wirja ta' bolol u oġġetti filateliċi; hija ċelebrazzjoni tal-identità, l-kultura u l-konnessjoni ta' Malta mal-komunità lokali kif ukoll dik globali.  L-avveniment ser iqanqal kurzità u ammirazzjoni mid-dinja tal-filatelija filwaqt li tonora s-sinifikat storiku ta' Malta. Sew jekk int kollettur serju jew viżitatur kurjuż, Maltex 2025 hija esperjenza li wieħed m'għandux jitlef.

Il-kumpanija MaltaPost p.l.c. hija l-isponser ta' din il-wirja prestiġjuża u bħala tiffkira l-Bureau Filateliku tal-MaltaPost ser ikun qed joħroġ għall-pubbliku "Occasion Card", "Personalised Stamp/Cover" u timbru postali speċjali.  Il-Kartolina tista' tinkiseb kemm f'kundizzjoni mint, kif ukoll kkanċellata, minn nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu mill-uffiċċju postali fil-Mużew Postali ta' Malta. Ordnijiet għal "Personalised Stamp/Cover" u "Personalised Stamps" jistgħu jsiru mis-sit elettroniku www.maltaphilately.com, jew bil-posta mill-Philatelic Bureau, MaltaPost p.l.c., 305, Triq Ħal Qormi, Marsa MTP 1001, jew bit-telefon fuq 2596 1740 jew permezz tal-email: info@maltaphilately.com

Il-pubbliku huwa mistieden iżur il-wirja fil-Mużew Postali ta' Malta li jinsab f'135, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta, bejn il-Ġimgħa 14 u t-Tlieta 18 ta' Marzu 2025. Il-ħinijiet tal-ftuħ matul il-ġimgħa huma mill-10am sal-4pm. Il-wirja tkun miftuħa nhar is-Sibt u l-Ħadd bejn l-10am u s-2pm. Id-dħul huwa b'xejn.

